**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 16**

**L-Erbgħa 10 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fis-Sala Parrokjali, li tinsab fl-indirizz 39, Pjazza Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **16.1** | **Meeting mal-Puluzija rigward Community Policing.** |
| 16.1.1 | Il-Puluzija spjegaw fid-dettal kif taħdem is-sistema u x'inhuma l-irwoli tal-*Community Policing*. |
| 16.1.2 | Waqt it taħdita tqajjmet il-problema tal-iżgombru ta' karozzi definiti bħala *derelict* skont il-liġi 65.13 liġi ta' Malta. |
| 16.1.3 | Is-Sindku staqsa lill-puluzija rigward feed tal- CCTV cameras. |
| 16.2 | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 16.2.1 | Xejn |
| **16.3** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 16.3.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 15, tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 16.3.2 | Is-Sindku Steven Grech Ippropona u Is-Sin. Elenia Desira issekondat bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 15, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **16.4** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 16.4.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fit-18 ta' Mejju fil-11:00am, is-Sindku kellu *Microsoft Team Meeting* mal-Ministru tat-Turiżmu, il-Ministeru tal-Infrastruttura, Transport Malta, Heritage Malta u Project Plus fejn saru taħditiet fuq il-Barumbara ta Triq Lepanto, Marsaxlokk. Il-Heritage Malta ipproponew li Triq l-Arzinell tiġi two way għat-traffiku jew isibu soluzzjoni oħra, pero il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk flimkien mal-Ministeru tat-Turismu, Ministeru tal-Infrastruttura, Transport Malta u project plus ser jibqgħu għaddejin bil proċess. Fis-2pm Is-Sindku kellu Microsoft Team Meeting ieħor mal-ERA, il-Ministeru tal-Infrasturttura, Transport Malta, il-Ministeru tal-Agrikoltura u Sajd u mal-Perit Bugeja, fejn ġie diskuss is-sit ta' ħdejn il-power Station sal-Magħluq. |
| 16.4.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fid-19 ta' Mejju 2020 fis-2pm, is-Sindku kellu Microsoft Team Meeting mal-Ministeru tat-Turiżmu, flimkien mall-kuntratur tat-tender li ser jgħamel il-Markings mal-art tal-posta tal-bejjiegħa tal-monti tal-Ħadd. L-istess laqgħ ġiet aġġornata għal-Ħamis 21 ta' Mejju fejn ser jiltaqgħu fuq il-post u jiddiskutu hemm. |
| 16.4.3 | Is-Sindku informa l-kunsilliera prezenti li fil-21 ta' Mejju 2020 fid-9am. Is-Sindku kellu Microsoft Team Meeting mal-MTCP u fil-11.00am kellu laqgħa mal-Ministeru tat Turiżmu fejn marru fuq il-post monti. |

| | |
|---|---|
| 16.4.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilleira preżenti li fil-25 ta' Mejju 2020 fl-10.30am, is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera kollha kellhom laqgħa mal-MAFA fis-2pm fejn ġie diskuss hardstanding, il-Magħluq u fuq il-Breakwater. |
| 16.4.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-2 ta' Ġunju 2020 fl-10.30am is-Sindku kellu laqgħa mad-Direttur tal-Protezzjoni Ċivili Is-Sur Pisani, fejn saru diskussjonijiet biex isiru simulations. Id-Direttur talab biex issir laqgħa oħra fl-24 ta' Ġunju 2020 flimkien mal-Kunsilliera kollha. |
| 16.4.6 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-3 ta' Ġunju 2020 fl-10.00am is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal is-Sur Jordy Brincat, kellhom laqgħa mall-Puluzija fejn iddiskutew il-*community police*. Fis-2.00pm is-Sindku kellu laqgħa mas-Segretarju tal-Ministru Carmelo Abela biex jaraw kif jista' jgħin lill Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk. |
| 16.4.7 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-8 ta' Ġunju 2020 fl-10.00am, is-Sindku kellu laqgħa mal-Perit Mintoff, mal-Ministeru tat-Turiżmu flimkien mall-kuntrattur tat-tender li ser jagħmel il-marki ma l-art tal-posti tal bejjiegħa tal-monti ta' nhar ta' Ħadd. Fis-2pm kellu laqgħa oħra mal-Avukat tal-Kunsill Erol Cutajar, L-avukat tal-Ministeru tal-Edukazzjoni u mal-Ministeru tal-Edukazzjoni biex jitfassal skrittura rigward il-bini l-ġdid tal-Kunsill Lokali. |
| 16.4.8 | Is-Sindku informa il-Kunsilliera preżenti li fl-10 ta' Ġunju fil-11am is-Sindku kellu laqgħa ma l-Electrogas Ltd fejn marru fur il Points fejn ser jitpoggew l-AEDs ;<br><br>Point 1 - Near Tourist Information Office (Xatt is-Sajjieda)<br>Point 2 – Next to the new Police Station (Xatt is-Sajjieda)<br>Point 3 – Next to Public Conveniance in front of Torri Vendome (xatt is-Sajjieda) |
| **16.5** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 16.5.1 | Waqt il komunikat tas sindku, Dr. Janice Chetcuti staqsiet dwar l-issue tal-Barumbara qed tibqa tirrepeti. Daniel Zerafa spjega min kif tal-Wirt storiku qed iwaqfu milli tiżżarma. |
| 16.5.2 | Waqt komumikat tas-Sindku Dr. Janice Chetcuti staqsiet dwar l-issue preċedenti u simli bħall tal Barumbara x'kien l-outcome u Daniel Zerafa spjega li hu attenda il-board u ta' spjegazzjoni dettaljata ta x'intqal. |
| 16.5.3 | Waqt il kommunikat tas-Sindku Daniel Zerafa staqsa meta ser jitlestew il-marki tal-monti u is-Sindku ikkonferma li sa żmien ġimgħatejn ser jitranġaw id-difetti li hemm u jitlestew. |
| 16.5.4 | Ġie diskuss x'l-aħjar isir bil flus li ser jiġu miż-żewġ ministri konċernati, Onor. Carmelo Abela u Onor. Owen Bonnici, f'kas li il-proġett idum biex jiġi approvat hux aħjar li jittranġa il *gym* li diġà hu f'id il kunsill u jsir l-*Outdoor Gym* jew jintużawx għall-ħaġa oħra ta' benefiċċju. |
| 16.5.5 | Is-sindku spjega kif waqt id-diskussjoni mal-Education ġie propost li is-saqaf tal-binja tal-kunsill il-ġdid jinbidel fi ġnien. |

| | |
|---|---|
| 16.5.6 | Is-Sidku ikkomunika li ircevew ittra min għand tal-ħwienet re Mwejjed li jinħarġu mal baħar. |
| 16.5.6 | L-ERA avviċinat il-Kunsill u wara żjara li saret fi Triq il-Kavallerizza mill-uffiċċjali tal-ERA , is-Sindku Steven Grech u Assistent Prinċipal Jordy Brincat, ġew diskussi s-siġar tat-Tamarisk li dawn ma jistgħux jintmissu. Dan ukoll hemm tribunal fuq 4 sigriet oħra li ġew miżbura għax waqgħu fuq xi binja bil-maltemp. Dr.Janice Chetcuti uriet tħassib kif it- tneħħija ta dawn is-siġar jitfa dell ikrah fuq il-Kunsill Lokali u għaldaqstant talbet li jinġiebu ritratti bħala prova li dawn kienu perikolużi. Ser isir appell min naħa tal-Kunsill. Daniel Zerafa intalab jipprovdi iktar fatti u provi dwar dan il-każ. Ġie ippreżentat ukoll ir-rapport tal-Avukat Dr.Charlon Gouder kif ukoll il-kont sabiex jiġi approvat. Ġie kommunikat ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv irid jitla' xhud. |
| **16.6** | ***<u>Bye-Laws</u>*** |
| 16.6.1 | *Public Toilets* intalab biex isiru bil-flus b'appoġġ mill-Assoċazzjoni tal-Kunsilli Lokali. |
| 16.6.2 | L-*area* Karrijiet tad-dgħajjes, jinħarġu multi fuq karrijiet li jingumbraw. |
| **16.7** | **<u>Ittra t'apologia Onor. Jean Claude Micallef.</u>** |
| 16.7.1 | L-Onorevoli Jean Claude Micallef talab appoloġija peress li ma setax jattendi għall-laqgħa minħabba ħidma parlamentari. |
| **16.8** | **<u>Sejħa t'impjegat fi Skala 11</u>** |
| 16.8.1 | Ġie suġġerit li jkun hemm sejħa biex jiġi impjegat persuna fi skala 11 sabiex jiġi imrawwem għal-Deputat Segretarju Eż ekuttiv u eventwalment jista' japplika għall-Segretarju Eżekuttiv. |
| **16.9** | ***<u>Upgrade Intern</u>*** |
| 16.9.1 | Il-Kunsill qabel li jkun hemm upgrade intern ta' Scale 11.<br><br>Il-Kunsill qabel li jkun hemm upgrade intern ieħor minn Scale 11 għal Scale 10. |
| **16.10** | **<u>Planning</u>** |
| 16.10.1 | Ser jibda jitnaddaf sit wara l-iskola biex tinbena blokka wara l-iskola. Is-sindku staqsa dwar it-triq fil-vicin u Janice talbet li tajjeb nuru interess. |
| **16.11** | **<u>Attivitajiet</u>** |
| 16.11.1 | Il-Kunsillier Stephen Caruana ser jorganizza Ħarġa għall-Għawdex nhar is-16 ta' Lulju 2020. |
| 16.11.2 | Il-Kunsillier Stephen Caruana ser jorganizza Weekend Break nhar is-7, 8 u 9 t'Awwissu 2020. |

| | |
|---|---|
| **16.12** | **Skeda ta. Pagamenti** |
| **16.12.1** | Propona Steven Grech<br><br>Sekondat Dr. Janice Chetcuti |
| **16.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 16.13.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-18:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju , fil-4:00pm. |

**Konfermati, illum 10 ta' Lulju 2020.**

IFFIRMATA

_______________________
**Steven Grech**
*Sindku*

IFFIRMATA

________________________
**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*